



Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8626/20

DEVGEN 72
SUSTDEV 68
ACP 42
COHAFA 27
RELEX 420
FIN 341
WTO 99
ONU 26
OCDE 9

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8305/20	
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2018 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-Rapport Annwali tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2018, approvat bi proċedura bil-miktub fil-5 ta' Ġunju 2020.

**Rapport Annwali tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea
għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2018**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2018¹ bħala kontribut ewlieni biex iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati jiġu infurmati dwar kif l-UE timplimenta l-assistenza esterna tagħha u r-riżultati miksuba. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isforzi mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex ikomplu jtejbu l-kwalità, l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati u l-faċilità tal-użu għall-utent tar-rapport u jistedinhom biex iżommu dawk l-isforzi.
2. Il-Kunsill jappella għat-tisħiħ ta' "Viżjoni Komuni" u "Azzjoni Komuni" tal-UE u "Ħidma Aħjar Flimkien" kif rakkomandat fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp, inkluż il-progress lejn Unjoni aktar kredibbli, reattiva, inklużiva u magħquda. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-modalitajiet finanzjarji u mhux finanzjarji ta' azzjoni konġunta mill-UE u l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kunsill itenni t-talba tiegħu biex ir-rapporti annwali li jmiss jinkludu r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni skont it-tip ta' sħab fl-implimentazzjoni, kif imsemmi fir-Regolament Finanzjarju², kif ukoll skont it-tip ta' strumenti (biex tiġi inkluża b'mod speċifiku informazzjoni dettaljata dwar l-appoġġ baġitarju, l-operazzjonijiet ta' taħlit, is-self u l-garanziji).

¹ 14585/19 u ADD 1+2 - COM(2019) 604 final u SWD(2019) 409 final.

² Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, Artikolu 62, paragrafu 1, punt c), ĠU L 193, 30.7.2018, p.58.

3. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jimplimentaw l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima permezz ta' azzjoni koordinata u koerenti. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirrispondu għall-isfidi u l-opportunitajiet globali attwali, jindirizzaw l-inugwaljanzi u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, f'konformità mal-Aġenda 2030. Il-Kunsill jilqa' l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha ppreżentati fir-Rapport Annwali u fir-Rapport ta' Sintesi Konġunt tal-UE u esibiti waqt il-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2019.
4. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' azzjoni immedjata dwar id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima u l-impatti tagħhom fuq is-sistemi tal-ikel globali u ż-żieda fil-livelli ta' nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, u jappella għal sforzi kontinwi biex jiġu msaħħa u jiżdiedu l-kobenefiċċji tal-klima, li għandhom jiġu mmonitorjati b'mod adegwat. Il-Kunsill jappella wkoll għal sforzi kontinwi dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament f'azzjonijiet esterni tal-UE, inkluż fl-aktar pajjiżi vulnerabbli, jiġifieri Stati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS) u Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs). Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tar-rappurtar dwar it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri (DRR) u t-tisħiħ tar-reżiljenza u l-istat ta' tħejjija biex jiġu indirizzati t-temp estrem ikkawżat mill-klima, l-għargħar u n-nixfa.
5. Il-Kunsill jilqa' l-azzjonijiet meħuda f'kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, kif ukoll azzjonijiet oħra relatati mal-isfidi tal-migrazzjoni, f'konformità mal-pilastri kollha tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Belt Valletta u jitlob li r-Rapporti annwali futuri jindirizzaw il-progress lejn dawk l-oġettivi.

6. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jippromwovu multilateraliżmu effettiv ibbażat fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. Il-Kunsill jappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi li għaddejjin li saru biex is-sistema multilaterali tkun tista' tiffaċċa l-isfidi attwali u futuri u biex issaħħaħ il-kooperazzjoni u s-sħubiji ma' organizzazzjonijiet reġjonali. Huwa jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-akbar kontributori għan-NU. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jaħdmu lejn approċċ aktar strateġiku għal finanzjament volontarju ta' kwalità mill-UE u l-Istati Membri tagħha għal fondi, programmi u aġenziji speċjalizzati ewlenin tan-NU u jagħtu prijorità lil appoġġ prevedibbli u pluriennali għal azzjonijiet ta' diversi aġenziji min-NU, inkluż permezz ta' finanzjament ċentrali u fondi miġbura bejn l-aġenziji, fejn xieraq.
7. Il-Kunsill ifaħħar l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta biex tappoġġa u trawwem l-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità fil-Viċinat tal-UE u biex tiżviluppa relazzjoni speċjali u sħubiji b'saħħithom mal-pajjiżi tal-lvant u n-nofsinhar. Il-Kunsill ħa nota tal-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-Balkani tal-Punent ta' Frar 2018 u jtenni l-appoġġ inekwivoku tal-UE għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent.
8. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika, u f'dan ir-rigward, jissottolinja l-importanza li tiġi mmirata għajnuna uffċjali għall-iżvilupp (ODA) għall-kontinent, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajnuna għall-iżvilupp. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-impetu mġedded injettat mis-Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE li sar f'Novembru 2017. F'dan il-kuntest, huwa jtenni l-importanza tal-Alleanza Afrika-Ewropa għall-Investment u għall-Impjiegi Sostenibbli mnedija fl-2018, li għandha l-għan li tagħti spinta lill-investment, tattira aktar investituri privati, testendi l-kummerċ, ittejjeb il-klima tan-negozju, u tappoġġa l-edukazzjoni u l-ħiliet għall-impjieg. L-Alleanza tirrappreżenta bidla radikali lil hinn mir-relazzjoni bejn donatur u benefiċjarju, lejn sħubija bejn partijiet ugwali. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv il-passi meħuda biex tissaħħaħ is-sħubija strateġika mal-Afrika, speċjalment fl-LDCs u pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u kunflitt.

9. L-UE u l-Istati Membri tagħha jafferma mill-ġdid l-impenji individwali u kollettivi kollha tagħhom tal-ODA. Il-Kunsill ifakkar li l-ODA tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għal-LDCs u l-istati fraġli, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra. Il-Kunsill ifakkar ukoll li, f'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, filwaqt li jirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet tal-Istati Membri individwali, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri tagħha ser tkun immirata fejn hemm l-aktar bżonn u fejn jista' jkollha l-akbar impatt, speċjalment fl-LDCs u f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u kunflitt.
10. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni lill-isfidi speċifiċi ta' pajjiżi li qed jirriżultaw minn status ta' dħul baxx, biex timpenja ruħha f'kooperazzjoni għall-iżvilupp, djalogu ta' politika u sħubiji ma' Pajjiżi bi Dħul Medju (MICs) dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, l-inugwaljanzi fid-dħul, il-kriżijiet tar-refuġjati fit-tul u oqsma oħra ta' interessi kondiviżi u biex tkompli tiżviluppa impenn innovattiv ma' Pajjiżi Aktar Avvanzati li qed Jiżviluppaw (MADCs), fir-reġjuni kollha, inkluż l-Amerka Latina u l-Asja, f'konformità mal-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp. Dawn il-pajjiżi huma ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u, bħala ekonomiji kbar, l-impatt tagħhom fuq il-beni u l-isfidi pubbliċi globali, inkluż it-tibdil fil-klima, huwa dejjem aktar sinifikanti.
11. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jappoġġaw id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt madwar id-dinja u jfaħħar l-isforzi kollha biex dawn jiġu promossi u msaħħa ulterjorment permezz ta' azzjoni esterna tal-UE, inkluż permezz tat-tisħiħ u l-investiment fil-kapaċitajiet ta' atturi lokali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-iżgurar ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili. Il-Kunsill itenni wkoll l-importanza kritika ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha u li jippromwovi u jiddefendi l-ispazju tas-soċjetà ċivili u jappella lis-sħab kollha, inkluż in-NU, biex japplikaw it-tali approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fil-programmazzjoni.

12. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jtenni l-impenn tal-UE li tippromwovi t-tgawdija shiġha u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet u t-tiġi tal-pożizzjoni tagħhom fir-relazzjonijiet esterni skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2016-2020 (GAP II). Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-proporzjon ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni u żvilupp iffinanzjati mill-UE li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (b'halo objettiv prinċipali jew sinifikanti) żdied għal 68 % u jappella għal sforz aktar iffukat u konġunt mill-atturi kollha ta' implimentazzjoni sabiex tintlaħaq il-mira tal-GAP II ta' 85 %. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-Inizjattiva Spotlight biex tiġi eliminata l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, u jappella li jkun hemm involviment konsistenti tal-Istati Membri tal-UE. Il-Kunsill ifakkar li l-UE hija impenjata għall-implimentazzjoni shiġha u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu l-opportunità tal-25 anniversarju tagħha biex tivvaluta t-tagħlimiet meħuda matul l-aħħar 25 sena u tinkorporahom fil-GAP III l-ġdid biex tkompli ssaħħa l-isforzi tal-UE biex jitmexxa 'l quddiem l-SDG 5.
13. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi biex tiġi pprovduta assistenza bbażata fuq il-ħtiġijiet, li ssalva l-ħajjiet lil persuni affettwati minn kriżijiet umanitarji, inkluż kriżijiet fit-tul, madwar id-dinja u jenfasizza l-importanza li ssir ħidma f'konformità mal-prinċipji umanitarji u r-rakkomandazzjoni tal-OECD/DAC dwar ir-Rabta bejn l-Għajnuna Umanitarja, l-Iżvilupp u l-Paċi biex jipprevjenu u jindirizzaw b'mod effettiv sitwazzjonijiet ta' kunflitt u kriżi. Barra minn hekk, il-Kunsill ifaħħar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili għal assistenza f'waqtha u effettiva tiegħu immedjatament wara kriżijiet li jseħħu għall-għarrieda u diżastri.
14. L-Approċċ Integrat tal-UE ffaċilita impenn aktar koerenti u olistiku li jkopri d-diplomazija, is-sigurtà u d-difiża, inkluż il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-oqsma tal-assistenza umanitarja. Il-Kunsill jilqa' l-progress miksub fir-rigward tat-tiġi tar-reżiljenza, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġestjoni tal-kriżi u l-istabbilizzazzjoni barra mill-pajjiż u l-isforzi fuq it-tiġi tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp.

15. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investiment Estern (PIE) immirat biex jinkoraġġixxi lill-investituri privati jikkontribwixxu għall-azzjoni dwar il-klima, l-iżvilupp sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi f'pajjiżi sħab fl-Afrika u l-Viċinat Ewropew. Il-Kunsill jinnota l-isforzi biex jiġu rilaxxati investimenti sostenibbli għal mikroimpriżi, intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, b'enfasi fuq l-importanza ta' salvagwardji soċjali, ambjentali u d-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-klima ta' investiment f'pajjiżi sħab, f'konformità mat-tielet pilastru tal-PIE. Il-Kunsill jappella għall-pubblikazzjoni f'waqtha tal-evalwazzjoni tal-EFSD u jissottolinja l-ħtieġa li jiġu integrati t-tagħlimiet meħuda minn dan l-istrument.
16. Il-Kunsill itenni wkoll li l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) hija parti fundamentali mill-kontribut tal-UE għall-kisba tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli b'mod aktar effettiv. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-isforzi biex jiġi integrat ir-rapportar tal-PCD fir-rapportar globali tal-UE dwar l-SDGs.
17. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kummissjoni għall-passi meħuda fil-qasam tad-Diġitalizzazzjoni għall-Iżvilupp (D4D) u jenfasizza l-potenzjal kbir tad-diġitalizzazzjoni bħala faċilitatur u aċċelleratur għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tirdoppja l-isforzi biex tnaqqas id-distakk diġitali fi ħdan il-pajjiżi u bejniethom u biex tassisti lill-awtoritajiet pubbliċi fl-implimentazzjoni ta' qafas regolatorju abilitanti.
18. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar "Qafas Rivedut tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali"³ u jilqa' l-allinjament tal-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE mal-oġettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, kif ukoll mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar sforzi biex tinkludi riflessjoni dwar ir-riżultati fir-rapportar tagħha.
19. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-komunikazzjoni strateġika tagħha u s-sensibilizzazzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, pereżempju permezz tan-Network ta' Komunikazzjoni dwar l-Iżvilupp tal-UE. F'dan ir-rigward, huwa jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-viżibbiltà, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni lejn iż-żgħażaġh, kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha.

³ 14553/18